**Fuq felu ta' ħmara**

Int riekeb Mulejja
Fuq felu ta' ħmara,
Biex lili tgħallimni
Naħrab minn kull ħsara.

Inti qed tgħallimni
Biex noqgħod 'il bogħod,
Mir-rabta mal-għana
Hemmhekk m'hemm xejn fis-sod.

Il-preżenza ħelwa
Tiegħek dan il-ħmar,
Hija l-isbaħ xhieda
Ta' mħabba taħraq nar.

Li l-passjoni tagħha
Hi biss f'li tingħata,
Ma tfittix għaliha
Hi esaġerata.

Għax lilha nnifisha
Hi tagħti bil-bosta,
Hekk li lanqas taf tkun
Ħanżira u tosta.

Imsieken ir-rgħiba
X'jagħmlu ħdejn l-imħabba,
Hekk qawwija w xierqa
Ruħhom hekk imtabba.

Iġru, iġru biss lejh
Ħa jagħtihom is-sliem,
Għax mis-salib tiegħu
Ssibu l-hena bla tmiem.

Itgħallem o bniedem
Is-sultan fl-umiltà,
Ġie biex lilek jifdi
Ħobbu bil-karità.

Patri Mario Attard OFM Cap
13 t'April 2025

Ibierkek Alla li jista' kollox fl-Isem tal-Missier, tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu. Amen.